

# Il-Qima lejn San Ġużepp fl-Ordni Karmelitan

*Patri Hermann Duncan O.Carm*



Fost l-ordnijiet u kongregazzjonijiet reliġjuzi, li jqimu lil San Ġuzepp bl-ogħla għożża, nsibu lill-ordni Karmelitan li jqimu bħala l-protettur ewlieni tal-Ordni.

Fil-Karmelu, mal-qima lejn Marija Verġni, baqgħet ħajja d-devozzjoni lejn San Ġużepp; ir-raġel ġust li f'idejh "afda l-misteru tas-salvazzjoni sakemm kien għadu fil-bidu tiegħu". L-Ordni Karmelitan iqim lil San Ġużepp bħala dak ir-raġel ġust li ddedika ħajtu għaż-żewġ imħabbiet kbar ta' qalbu, Ġesù u Marija.

Jekk iddur dawra ma' Malta, fil-knejjes Karmelitani u dawk tal-Karmelitani Skalzi, tinduna li dawn għandhom xi xbieha jew pittura ta' San Ġużepp. Eżempju sabiħ insibuh fis-Santwarju Bażilka tal-Karmnu l-Belt; fejn malli tidħol tilmaħ statwa sabiħa ta' San Ġużepp, li kienet saret minn Mastru Nazju Portelli; maħduma fl-injam fl-1694, li turi l-qima qawwija li l-Karmelitani dejjem kellhom lejn San Ġużepp. Tajjeb li ngħidu li l-Beatu Nazju Falzon kien imur jitlob quddiem din l-istatwa.

Papa Benedittu XIV (1675-1758) kien tal-fehma li kienu l-Karmelitani l-ewwel li ġabu magħhom mil-Lvant lejn il-Punent id-drawwa ta' min ifaħħarha, tal-kult sħiħ lejn San Ġużepp. Madankollu, l-istorja turi li l-ġurnata ta' San Ġużepp kienet diġà qed tiġi ċċelebrata fil-Punent fis-seklu 10; u ġiet biss aċċettata uffiċjalment mill-Papa Sistu IV fl-1479.

Fis-sena 1480, il-Karmelitani kellhom liturġija proprja għall-festa ta' San Ġużepp, meqjusa bħala l-ewwel ġieh li tat il-Knisja Latina lil San Ġużepp. Il-qari tat-testi liturġiċi kienu meħudin mill-kitba tal-Kardinal Pietru ta' Ailly, li għex bejn l-1350 u l-1420; waqt li l-innijiet kienu meħuda mill-kitbiet tal-Beatu Karmelitan Battista Spagnoli ta' Mantova, li kien poeta rinaxximentali li għex bejn l-1447 u l-1516.

Patri Ġwanni Brenninger O.Carm, f'waħda mill-kitbiet tiegħu, jgħid li l-Ordni tagħna kien fost l-ewwel li beda jiċċelebra f'ġieħ San Ġużepp il-Liturġija tas-Sigħat, u ħafna kienu l-Karmelitani li bdew ixerrdu d-devozzjoni lejh.

Kien il-Papa Sistu IV li ried li d-19 ta' Marzu, fil-knisja kollha, ikun meqjum bħala jum it-tifkira ta' San Ġużepp. Flimkien mal-Karmelitani, ordnijiet oħra bħall-Franġiskani; Dumnikani; u s-Servi ta' Marija, xerrdu wkoll il-qima lejn San Ġużepp.



*Pittura li tinsab fil-knisja tal-Karmelitani l-Balluta minn Harry Olden*

użat qabel il-konċilju Vatikan II, kien fih ir-rit tat-tberik tal-kuruna tar-rużarju ta' San Ġużepp. Dan ir-Rużarju magħmul minn disa' misteri, maqsumin fi tliet partijiet li jfakkru:

1. It-Tnissil ta' Ġesù.
2. Id-Dehra tal-Anġlu lil Ġużeppi.
3. It-Twelid ta' Ġesù.
4. Il-Preżentazzjoni fit-Tempju.
5. Il-Ħarba lejn l-Eġittu.
6. Is-Sejba ta' Ġesù fit-Tempju.
7. Il-Ħajja Moħbija f'Nazaret.
8. Il-Mewt ta' Ġużeppi.
9. Id-Daħla ta' Ġużeppi fis-sema.

Kien hemm ukoll ir-rit tat-tberik taċ-ċurkett f'ġieh San Ġużepp, li kien jintlibes mhux biss b'turija ta' devozzjoni lejn San Ġużepp imma wkoll bħala sinjal tar-rabta ta' min jilbsu ma' Ġesù u Marija, kif ukoll tal-qadi lilhom fuq l-eżempju ta' San Ġużepp.

Bosta kienu l-qaddisin u l-Beati Karmelitani li xerrdu d-devozzjoni lejn San Ġużepp; fosthom Santa Tereża ta' Ġesu li għażlet lill-San Ġużepp

Il-Karmelu baqa' jkabbar il-qima lejn San Ġużepp tant li fil-Kapitlu Ġenerali tal-1680, San Ġużepp ġie uffiċjalment magħżul bħala l-Protettur Ewlieni tal-Ordni. Il-Karmelitani Skalzi, fl-istess żmien, daħħlu fil-kalendarju tagħhom il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fit-tielet Ħadd tal-Għid. Il-Papa Piju IX, fl-1847, ordna li din il-liturġija tiġi ċċelebrata fil-Knisja kollha.

Meta saret ir-Riforma tal-Konċilju Vatikan II, spiċċat il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp mill-Kalendarju Liturġiku Ruman; iżda l-Karmelitani kellhom il-permess biex fid-19 ta' Marzu jiċċelebraw lil San Ġużepp b'dan it-titlu: San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija u Protettur tal-Ordni Tagħna.

Fil-Karmelu, il-qima lejn San Ġużepp insibuha wkoll f'xi devozzjonijiet partikolari. Hawnhekk ħa nsemmu x'kienu dawn. Ġeneralment, malli tidħol f'xi kunvent Karmelitan, ħdejn il-bieb, kellek issib ix-xbieha ta' San Ġużepp iħares id-dar u l-familja reliġjuża ta' Marija. Ir-Ritwal Karmelitan, li kien



*Stained Glass fil-knisja tal-Karmelitani fil-Balluta*

*ikompli f'psġns 79*

biex ikun l-avukat u l-patrun tagħha. Tant hu hekk, li minn 17-il monasteru li waqqfet, 12 minnhom iddedikathom lil San Ġużepp. Insibu li Santa Tereża tal-Bambin Ġesù kellha d-drawwa li titlob lil San Ġużepp bħala l-protettur tal-verġni, sabiex jgħasses fuqha u jħarisha mill-perikli tar-ruħ. Dan nafuh mill-ktieb tagħha Storja ta' Ruħ.

Ta' min jgħid ukoll li meta fetaħ il-Konċilju Vatikan II, il-Papa San Ġwanni XXIII ħalla ċ-Ċurkett tas-Sajjied f'idejn ix-xbieha ta' San Ġużepp, li kienet meqjuma fil-Katidral ta' Kalisz ġewwa l-Polonja. Wara iktar minn erbgħin sena, il-Papa San Ġwanni Pawlu II, li kien Terzjarju Karmelitan fuq l-eżempju tal-predeċesur tiegħu; nhar id-19 ta' Marzu 2004, ħalla ċ-Ċurkett tas-Sajjied f'idejn ix-xbieha ta' San Ġużepp meqjum fil-Knisja Karmelitana ta' Wadowice fil-Polonja. Dan għamlu biex juri u jħeġġeġ lill-Karmelitani biex jikkontemplaw lil San Ġużepp bħala l-mudell perfett tal-ħajja intima ma' Ġesù u Marija, kif ukoll biex iżommuh bħala l-Patrun tal-ħajja tat-talb ġewwieni u tal-ħajja ta' qadi bla heda lejn l-aħwa.

Hekk ukoll insibu li matul is-sekli kienu bosta l-Karmelitani li studjaw u għamlu studju teoloġiku profond dwar San Ġużepp, fosthom Rafel il-Bavariż u t-Teologu Andrea Horuken. Fi żminijietna, sa mill-1947, il-Karmelitani Skalzi fi Spanja wkoll ippublikaw rivista xjentifika Estudos Josefinos, li ħeġġet ir-riċerka teoloġika u pastorali marbuta ma' San Ġużepp.

Nitolbu lil San Ġużepp għall-persuni kkonsagrati, biex dejjem iħarsu lejh bħala dak li jgħinhom fil-vokazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-familji kollha tagħna biex jieqaf magħhom fil-problemi li huma jkollhom.